MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 201/2007

**Brian Camilleri ID numru 117158 (M)**

**vs**

**Henry J Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur fit-3 ta' Lulju, 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, li ma teccedix hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana billi dak illi huwa ddikjara fl-ittra datata 8 ta' Gunju 2007 (Dok A) apparti illi huwa inveritjer, huwa libelluz, malafamanti u offensiv fir-rigward tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mill-konvenut Henry J Borg fit-30 ta’ Lulju 2007 fejn espona:

Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante d-dikjarazzjoni maghmula mill-esponent fl-ittra tieghu tat-8 ta’ Gunju 2007 hija sostanzjalment veritiera u ghalhekk ma tammontax ghal dikjarazzjoni libelluza, malafamanti u/jew offensiva fil-konfront tar-rikorrent Brian Camilleri kif rikjest mill-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ta’ l-esponent kienet wahda privata indirizzata lil persuna partikolari b’referenza ghal tilwima civili ta’ natura. Ghaldaqstant, l-ingurja allegata – jekk kellha tirrizulta li saret – hija wahda insignifikattiva ghall-ahhar u dan ghandu jigi rifless fil-kumpens li dina l-Qorti tista’ talvolta tikkundanna lill-intimat ihallas.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg partijiet f’din il-kawza jokkupaw ambjenti fil-Mosta Technopark. L-attur huwa *Managing Director* tal-kumpanija *FAL Malta* u tokkupa s-sular t’isfel, waqt li l-konvenut huwa Direttur tas-socjeta’ *Sicons Opto-Products Malta* u tokkupa s-sular sovrastanti. Iz-zewg ambjenti huma accessibli minn bieb principali li ghandu serratura awtomatika, li tista’ tinfetah mill-ambjenti tal-kumpaniji fuq imsemmija. Meta xi hadd ikun irid johrog, hemm *switch* fuq in-naha ta’ gewwa illi jattiva ‘*solenoid’* sabiex jinfetah il-bieb b’mod elettroniku. Jidher illi fuq medda ta’ xi zmien kien qed isir hsara lil din is-serratura. Minkejja li xi haddiema ppruvaw isewwuha xorta baqghet bil-hsara, sakemm fl-ahhar gie mqabbad tekniku sabiex joffri soluzzjoni u jsewwi l-problema darba ghal dejjem. Fil-fatt hekk sar u t-tekniku Vassallo gie mitlub jaghmel rapport dwar dak li kien qed jigri, liema rapport gie esebit f’dawn l-

atti a fol 18 fejn inghata raguni teknika l-ghala s-serratura ma kienetx qed tahdem. Meta l-*Mosta Technopark Tenants Association* baghtet il-kont lill-partijiet sabiex kulhadd ihallas sehemu ghat-tiswija, filwaqt li Brian Camilleri ghan-nom tal-*FAL Malta Limited* hallas sehemu, l-konvenut Borg irrifjuta ghax allega illi l-hsara saret minn haddiema tal-attur u semma specifikament lill-attur.

B'ittra datata 8 ta' Gunju 2007 il-konvenut ighid fost affarijiet ohra *"as I have communicated via email, I am not responsible for the damages to the door and I have proof that this was willfully committed by FAL, specifically Brian."* Din l-ittra tqieghdet ghad-diskussjoni quddiem il-kumitat tat-*Tenants Association* u Marisa Xuereb bhala *Chairperson* kitbet lill-konvenut (fol 21) sabiex jissustanza l-allegazzjonijiet tieghu, izda l-konvenut baqa' ma ghamilx dan. Fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti l-konvenut qal li ma kellux fiducja fl-assocjazzjoni peress li l-attur kien vicin taghha. L-attur ghalhekk deherlu li kellu jiehu azzjoni civili kontra l-konvenut ghal malafama peress li hassu malafamat bl-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kkawza hsara volontarja fil-proprjeta' ta' terzi.

Meta l-konvenut xehed quddiem din il-Qorti u mitlub jissustanza dak illi qal, il-konvenut qal illi filwaqt li jikkonferma l-ittra tat-8 ta' Gunju 2007 kitibha hu, kellem lil Andrew Vassallo t-tekniku "*hu qalli li xi nies tieghu kienu qalulu illi kienu jew Brian Camilleri jew xi nies tieghu illi ghamlu l-hsara."* Kien fuq din l-informazzjoni li kiteb l-ittra msemmija. Min naha tieghu Andrew Vassallo a fol 33 ma semma xejn dwar dan id-diskors. Qal biss illi huwa kien jaf ir-raguni teknika l-ghala gara l-hsara u li kien jaf ukoll illi xi haddiema tal-fabbriki li jahdmu f'dawk l-ambjenti ppruvaw isewwu s-serratura, izda dawn ma kienux teknici u ghalhekk ma rnexxielhomx. Fi kwalunkwe kaz qal illi l-iskop taghhom kien wiehed genwin ghad illi ma kienux teknikament kompetenti bizzejjed sabiex isewwuha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ssib hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenut, meta ghamel allegazzjoni ta' hsara volontarja mill-attur fuq

proprjeta’ ta’ terzi fuq informazzjoni miksuba b’mod indirett. Dina hija sitwazzjoni klassika ta’ *hearsay* fejn il-konvenut wasal ghall-konkluzzjoni fuq dak illi qallu haddiehor li min naha tieghu qieghed jirrepeti dak illi qallu haddiehor. Fuq dan il-konvenut ma vverifika xejn u qabad u ghamel allegazzjoni bhal dik fuq l-attur.

L-awturi D.Price u Korieh Duodo fil-ktieb taghhom *“Defamation Law, Procedure and Practice”* ighidu *“there have been a numerous judicial attempts to define what it is defamatory. The most common direction now given the juries is that a defamatory allegation is one that tends to make reasonable people think the worst of the claimant....”* F’dan il-kaz l-ittra indirizzata lic-*Chairman* tat-*Tenants Association* il-konvenut qieghed ipoggi lill-attur f’dawl verament ikrah peress qed tallega illi volontarjament ghamel hsara fuq il-proprjeta’ ta’ l-assocjazzjoni. L-istess fil-kawza Joseph M Pirotta vs Joseph Grima et noe, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Novembru 2007, il-Qorti tenniet fost affarijiet ohra li kien bizzejjed jekk il-kliem uzat iwegga l-unur ta’ persuna, reputazzjoni u jesponieh ghar-redikolu. Dawn il-kriterji kollha jinkwadraw fl-allegazzjoni li l-konvenut ghamel fuq l-attur, liema allegazzjoni baqghet mhux sostanzjata u ghalhekk ma kienetx tirrifletti l-verita tal-fatti.

Ikkunsidrat:

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qal li ma kellux jigi misjub hati ta’ malafama peress illi l-ittra kienet indirizzata lill-persuna partikolari. Bir-rispett il-Qorti ma jidhirlhiex illi hawnhekk il-konvenut ghandu ragun. Anke jekk tkun indirizzata lill-persuna wahda jekk ittra jkollha allegazzjonijiet malafamanti, allura f’dak il-kaz il-persuna ngurjuza tista’ tfittex. F’dan il-kaz jidher illi l-ittra ma kienetx intiza ghal persuna partikolari peress illi giet miktuba lic-chairman ta’ l-assocjazzjoni bl-iskop illi tigi girata u diskussa waqt il-kumitat, kif fil-fatt gara. Il-konvenut ipprova jiggustifika dak illi kiteb billi qal illi ndirizzaha lic-chairman, pero’ dejjem irrefera ghall-attur fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tas-socjeta’ *FAL Malta Limited*. Apparti l-fatt illi l-konvenut irrefera ghall-attur b’ismu, fejn

ma hemmx dubbju ghal min kien qieghed jirreferi, hawnhekk il-Qorti wkoll taghmel referenza ghall-attur famuz *Gatley* fil-ktieb tieghu *"Gatley on Libel and Slander"* fejn fost affarijiet ohra ighid *"liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation. The question is not what the writer of a illegged libel means, but what is the meaning of the words he has used."* It-tifsira tal-kliem uzat huwa car u ma jhalli l-ebda dubju. Il-konvenut qieghed jallega b'mod l-aktar car u inekwivoku illi l-attur ghamel hsara volontarja fuq proprjeta' ta' terzi u ghalhekk poggieh f'dak li huwa maghruf bhala *"character assassination"* sabiex joskurah mal-bqija tal-membri tal-kumitat. Mhux hekk biss izda minkejja li huwa gie moghti kopja tar-rapport tat-tekniku Andrew Vassallo l-konvenut baqa' jippersisti fl-allegazzjoni tieghu u mitlub jispjega, xorta ma ghamel xejn. Dana juri l-animu tal-konvenut li ried verament jingurja u jwegga lill-attur. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi t-talba ta' l-attur timmerita konferma.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt euro (€700) ghad-danni ghal malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan billi dak li ddikjara fl-ittra tat-8 ta' Gunju 2007 mibghuta lic-chairperson tal-*Mosta Technopark Tenants Association* huwa inveritjer, malafamanti u offensiv fir-rigward tieghu. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------